***Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 179 tas-17 ta' Lulju 2014 dwar punti mqajma mill-Onor David Agius dwar l-applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 8(2)***

Fis-seduta tal-lum il-Ħamis, 17 ta' Lulju 2014 l-Onor David Agius talab *ruling* fuq dawn il-punti li ġejjin u, ċjoè:

1. dwar jekk fuq l-aġenda għas-seduta tal-lejla, kellux jittella' bħala l-ewwel item xogħol ta' membri privati u dan wara li fuq l-aġenda tas-seduta ta' dalgħodu ġie diskuss xogħol tal-Gvern u dan abbażi tal-provvedimenti dwar l-alternanza kif indikat fl-Ordni Permanenti 8(2) u fir-*ruling* li s-Sedja tat fis-seduta tal-bieraħ tard filgħaxija; u

2. peress li l-aħħar darba li ltaqa' l-Parlament il-Ħamis kien nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru 2013 fejn kien ġie diskuss xogħol tal-Gvern, skont l-Ordni Permanenti 8(2) illum kellu jsir xogħol tal-Oppożizzjoni.

Filwaqt li s-Sedja terġa' tinnota li matul din il-leġiżlatura l-mozzjonijiet imressqa minn membri privati – 10 mozzjonijiet li ġew diskussi fi 15-il seduta - dejjem ġew diskussi fi ġranet li ma kenux nhar ta' Ħamis u allura fi ġranet li normalment ikunu allokati għal xogħol tal-Gvern, is-Sedja ħadet in konsiderazzjoni l-punti segwenti.

Fir-rigward tal-ewwel talba s-Sedja ħarset lejn l-Ordni Permanenti 8(2) li jaqra hekk:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ordni Permanenti 7(3) xogħol ta' membri privati għandu jkollu preċedenza fuq xogħol tal-Gvern kull nhar ta' Ħamis alternattiv li fih tagħmel seduta l-Kamra."

Is-Sedja tinnota li minn dan l-Ordni Permanenti joħroġ ċar li r-referenza qiegħda ssir għall-ġurnata tal-Ħamis u mhux għal seduta. Fil-fatt dan joħroġ aktar ċar mit-test Ingliż li huwa aktar feliċi li jaqra hekk:

"(2) Subject to the provisions of Standing Order 7(3) private members' business shall have precedence over Government business on every alternate Thursday <u>upon which the House sits."</u>

Minn dan it-test joħroġ iktar ċar li r-referenza qiegħda ssir għall-ġurnata u mhux għal seduta. Fil-fatt is-Sedja fir-ruling li tat il-bieraħ fil-għaxija qalet hekk:

"allura jiġi applikat il-provvediment tal-Ordni Permanenti 8(2) meta l-Parlament ikun qed jerga' jiltaqa' nhar ta' Ħamis".

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-mod kif bi prassi kontinwa f'dan il-Parlament, ġiet interpretata l-kelma "jum" fl-ordnijiet permanenti u in partikolari ħarset lejn l-Ordni Permanenti 22 li jgħid hekk:

**"**Avviż ta' interpellanza jew mozzjoni jingħata billi tiġi kkonsenjata kopja tiegħu lill-Iskrivan tal-Kamra. Dik il-kopja għandha tkun miktuba pulit, u għandha jkollha l-firma tal-membru li jkun ser iressaqha. <u>Għandu jingħata avviż ta' mill-anqas tlitt ijiem għal interpellanza jew għal mozzjoni."</u>

Dan ifisser li meta qed nirreferu għal "jum" jew "ġurnata" qed nirreferu għal ġurnata sħiħa. Jekk wieħed iħares lejn l-Ordni Permanenti 1(2) li jispeċifika kif għandu jinħadem l-avviż ta' numru ta' ġranet fir-rigward ta' avviż ta' interpellenza jew ta' mozzjoni, din it-tifsira toħroġ aktar ċara, u nikkwota:

"Meta jkun meħtieġ li jingħata avviż ta' ċertu numru ta' ġranet biex ikun jista' jsir xi xogħol, fl-għadd ta' dak in-numru ma jgħoddux il-Ħdud u l-festi pubbliċi u l-ġurnata li fiha jingħata l-avviż tiġi magħduda, iżda mhux il-ġurnata li fiha x-xogħol għandu jsir."

Is-Sedja għalhekk tixtieq tirrileva li kemm meta tiġi ppreżentata mistoqsija parlamentari u anke mozzjoni, iridu jgħaddu tlett ijiem u mhux tliet seduti.

Għalhekk, fir-rigward l-ewwel talba tal-Onor Agius is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li din ma tistax tintlaqa'.

Dwar it-tieni punt imqajjem mill-Onor David Agius, is-Sedja tinnota li fis-seduta msemmija mill-Onor David Agius, jiġifieri s-Seduta 94 tal-21 ta' Novembru 2013 kienu ġew diskussi f'Kumitat ta' Provvista tal-Estimi Ġenerali għas-sena 2014, il-voti tal-Ministeru għall-Finanzi, u l-istadji kollha tal-Atti dwar l-Ewwel u t-Tieni Approprjazzjoni.

Is-Sedja tixtieq tirrileva li s-seduta in kwestjoni kienet tifforma parti mix-xogħol ta' Provvista u l-proċedura li tirregola tali seduta ma kenitx taqa taħt l-Ordni Permanenti 8(2) iżda kienet regolata b'mozzjoni ta' proċedura Nru 81 li kienet ġiet adottata mill-Kamra unanimament fis-seduta 69 tat-30 ta' Ottubru 2013, u kif jaf l-Onor Membru, kull mozzjoni ta' proċedura li tkun fis-seħħ tieħu preċedenza fuq l-Ordnijiet Permanenti relattivi.

Għaldaqstant is-Sedja ma tistax tieħu in konsiderazzjoni t-tieni talba tal-Onor David Agius.